# Lura fis-Sekli madwar it-toroq ta' Ħal Tarxien

Matthew Scicluna

*(Din is-silta hi t-tieni parti minn sensiela ta' tlieta li qed jidhru f'dan il-ktejjeb. L-ewwel parti dehret fl-edizzjoni tas-sena l-oħra)*



Se nkomplu l-mixja mat-toroq ta' Ħal Tarxien fil-post li spiċċajna fih fl-ewwel parti tal-passiġġata tagħna u nibdew eżattament f'Misraħ ir-Repubblika. Inħallu s-Sekli Sittax u Sbatax u hawnhekk naraw dar li toħodna lura għas-Seklu Tmintax.

Id-**Dar ta' Franku** kien jgħix fiha Francesco Faurè jew Mastru Franku u jekk inħallu l-immaġinazzjoni tagħna tmur lura fiż-żmien, jirnexxielna nisimgħu lil dan l-imgħallem tas-sengħa jonqox l-istatwi tal-ġebel għaċ-Ċimiterju ta' l-Addolorata jew jaħdem l-bradella u l-gandlieri ta' l-injam għall-knisja ta' Ħal Tarxien. Din id-dar ta' stil Barokk b'saljaturi ornamentali taħt il-gallerija ta' barra hi fi stat mitluq, iżda minkejja dan, l-istorja tagħha tibqa' ħajja għax tat frott għall-wirt artistiku ta' Faurè.

Tefgħa ta' ġebla 'l bogħod fi Triq Sqajjaq kien joqgħod il-Logutenent Ġużeppi Montebello. Dan kien persunaġġ ieħor li naqqax ismu fl-istorja ta' Ħal Tarxien għax fi żmien il-Franċiżi kien rappreżentant ta' dan ir-raħal fl-Assemblea Nazzjonali żmien l-Ingliżi kien il-Kap tar-Raħal jew Sindku.



Id-dar li għadha magħrufa bħala d-**Dar tal-Logutenent** hi miżmuma fi stat tajjeb u ta' min jinnota l-bieb forma ta' arzella u t-twieqi ta' mat-triq maħduma minn ħadid b'ħolqa li tgħaqqad il-vireg. B'kumbinazzjoni s-Sur Paul Farrugia, is-Sindku li għandna Ħal Tarxien bħalissa, joqgħod fit-triq li ngħatat l-isem tas-Sindku Ġużeppi Montebello.



Noħorġu mbagħad mill-qalba tar-raħal, ngħaddu minn quddiem il-Knisja u niksru għal Triq Xintill. Din id-darba niftakru f'Katarin jew Franġiska li kienu jsejħulha Kejka.

Ir-restawr li sar fid-**Dar tal-Kejka** żidilha l-preġju u l-għajn vera titpaxxa meta tħares lejha. In-niċeċ li għandha mal-faċċata u man-naħa tal-ġenb huma mdawrin bi skultura mill-isbaħ u jgħollu l-valur arkitettoniku tagħha.

Inreġġgħu l-pass tagħna għal Triq Paola sakemm naslu għal Triq Ħal Tarxien u għad-dar fejn kien joqgħod James Aspinall. Din l-Ingliż kien għin titwaqqaf is-Soċjetà ta' l-Arti, Manifattura u Kummerċ f'Malta fis-Seklu Tmintax. Il-kolonni ta' mal-bieb tad-**Dar ta' Aspinall** jagħtuha dehra klassika però ħasra li min ġie inkarigat mir-restawr tal-gallarija ma baqax fidil għall-istil oriġinali tagħha.



Nitfgħu ħarsitna lejn in-naħa ta' Ħal Tarxien fejn hemm il-monument tal-gwerra u fil-kantuniera bi Triq Santa Marija fuq ix-xellug u Triq Paola fuq il-lemin naraw dar majestuża li kienet inbniet fuq l-art tal-familja Franċiża Fevre. L-istil Barokk ta' **Casa Le Fevre** jidher fid-disinji elaborati tal-ġebel mal-bieb prinċipali u mat-twieqi, filwaqt li s-saljaturi tal-gallarija



jixhdu influwenza Siċiljana. Mhux ta' b'xejn din id-dar serviet bħala l-palazz ta' Pilatu waqt il-Peġint uniku tal-Passjoni li sar riċenetement mat-toroq ta' Ħal Tarxien!

Dan l-avveniment mhux biss stabbilixxa ruħu fil-kalendarju Malti iżda fl-istess ħin qed ikun ta' vetrina għall-kultura Tarxiniża.



Dar oħra aktar 'l fuq f'tarf Triq Santa Marija wkoll għandha karatteristika ideali li toħloq sfond sabiħ għas-suldati Rumani u għax-xena tat-tislib ta' Kristu waqt l-imsemmija peġint. Qed nirreferi hawnhekk għal **Villa Dunalistair** jew Villa Tarxien u t-turretta tagħha li dari kienet isservi bħala torri ta' l-għassa għall-membri tad-Dejma li kienu jieħdu ħsieb jagħtu sinjal ta' twissija jekk jindunaw b'xi invażjoni Torka min-Nofs in-Nhar ta' Malta.

Kemm il-General Baynes, kemm it-Tabib Macfarlene u kemm il-familja Stubbs ħassew li l-istruttura interessanti tal-Villa kellha titħalla.

Naslu għal tmiem il-mixja tagħna billi ninżlu Triq il-Kbira kollha u fil-kantuniera ma' Triq Żejtun mal-lemin naraw waħda mill-eqdem vilel f'Ħal Tarxien. **Villa Barbaro** kienet ir-reżidenza tal-Markiż Barbaro di San Giorgio



u eventwalment intirtet mill-Prim Imħallef J.J. Cremona. Li jispikka fiha huma l-balavostri tal-ġebel mat-tul ta' waħda mill-faċċati tagħha u l-bieb fuq l-istess naħa li jisporġi 'l barra f'nofs tond.

L-istil Barokk tad-djar tas-Seklu Tmintax li dorna llum kien jindika prestiġju u pożizzjoni għolja soċjali għas-sidien.

Però, skond il-fehma tiegħi, il-valur tad-djar ma jiġix biss mill-arkitettura iżda mill-kontribut li l-abitanti tagħhom taw lis-soċjetà Tarxiniża taż-żmien li kienu jgħixu fih. Donnu l-karattru tal-bniedem jitwaħħad mal-ġebla inanima Maltija u permezz tiegħu din tingħata l-ħajja.

---

*Aktar tagħrif fuq id-djar antiki ta' Ħal Tarxien jinsab fil-ktieb "Il-Binja ta' Djar tul is-Sekli f'Ħal Tarxien" miktub minn Matthew Scicluna.*

*Dan il-ktieb jista' jinkiseb mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Tarxien.*